MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2013

Numru 164/2013

**Il- Pulizja**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**Vs**

**KHALID ALI OMAR**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra Khalid Ali Omar, ta’ 25 sena, iben Ali u Ajxa nee’ Saadi, imwieled Palestina, nhar is-16 ta’ April, 1987, minghajr residenza fissa u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 38509(A), fejn gie akkuzat :

1. Talli nhar is-07 ta' Frar. 2013, ghall-habta tas-18:00hrs minn gewwa La Piccola, Vjal il-Blue Grotto, Zurrieq, ikkommetta serq ta' alcohol, liema serq huwa aggravat bil-hin, ghad-dannu ta' Elizabeth Sammut u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin u f'dawn il-gzejjer xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahhal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkagunajt xi hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe ghamel hsara li ma tiskorriex tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu il-Euro 23.29 ghad-dannu ta' Elizabeth Sammut u/jew persuni ohra;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanza, hebbejt ghal Elizabeth Sammut sabiex iddejjaqha jew tghamlilha hsara;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanza bl-imgieba tieghek ikkagunajt lil Elizabeth Sammut, biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra il-propjeta taghha;

6. U nakkuzah talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanza, gewwa La Piccola, Vjal il-Blue Grotto, Zurrieq, bi kliem insulentajt, heddidt jew ingurjajt lil Elizabeth Sammut;

7. U nakkuzah talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanza, ghix hajja ta' ghazz u ta' vagabundagg;

8. U nakkuzah talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanza, kont f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku fi stat ta' sakra b'mod li ma kontx kapaci tiehu hsieb tieghu nnifsu;

9. Nakkuzawh ukoll talli irrenda ruhu ricediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

10. U aktar talli talli kiser diversi kundizzjonijiet imposti fuqu mill-istess Onorabbli Qorti meta nhar l-24 ta' Lulju, 2011 inghata sentenza ta’ art. 7 Kap 446 ghal tlett snin mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D;

Ghaldaqstant filwaqt li nipprezentaw il-fedina penali tal-imputat nitlobu li dan il-kaz jigi investigat skond il-Ligi.

Rat li waqt l-udjenza ta’ llum stess tad-9 ta’ Frar, 2013 l-imputat iddikjara li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rriafferma wara li nghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Illi in vista ta’ din id-dikjarazzjoni ta’ l-imputat, il-Qorti giet ikkonvertita f’wahda ta’ Gudikatura Kriminali;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Kevin Pulis bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena jew sanzjoni li ghandha tinghata;

**Ikkunsidrat**:

Illi qabel xejn din il-Qorti thoss li ghandha taghmel osservazzjoni dwar l-identita` ta` l-imputat. Originarjament huwa gie indikat bhala persuna li ghandu 24 sena. Waqt l-ezami tieghu quddiem din il-Qorti huwa qal li ghandu 27 sena u konsegwentement l-ufficjal prosekutur ghadda sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega. Izda meta din il-Qorti rat id-data tat-twelid tieghu u cioe is-16 ta` April 1987, data li ma hi bl-ebda mod ikkontestata, anzi giet ikkonfermata mill-imputat, rat ukoll id-dokumentazzjoni formanti parti mill-atti u l-Qorti, peress illi hija sodisfatta mill-identita` tal-imputat, tippuntwalizza illi l-imputat huwa persuna, llum fl-eta` ta` 25 sena.

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoniet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, il-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati peress li ghalhekk l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu jinsabu sodisfacentement ippruvati – naturalment bl-eskluzjoni tat-tieni imputazzjoni, dik ta`

ricettazzjoni, stante li din giet moghtija bhala imputazzjoni alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni, dik tas-serq;

Illi in tema ta’ piena l-Qorti kkunsidrat is-sottomissjonijiet ta’ l-Ufficjal Prosekutur fejn qal li l-imputat ikkopera minnufih u b’mod assolut mal-pulizija, li l-pulizija ghandha *CCTV footage* ta` l-akkadut, li l-imputat ma ghandux indirizz fiss, li ghandu l-problema tax-xorb u li wiehed mill-fliexken tax-xord inghata lura (ghax l-iehor inkiser waqt dak li kien qed jaghmel l-imputat). L-ufficjal prosekutur ghamel referenza ghall-fatt tal-ksur tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 u l-applikazzjoni tal-Artikolu 23(1)(a) tal-istess Kap 446;

Illi in tema ta’ piena il-Qorti ikkonsidrat ukoll is-sottomissjonijiet tad-difensur ta’ l-imputat. Irrileva li l-imputat ghandu problema akuta tal-konsum tax-xorb alkoholiku u li zgur ghandu bzonn l-ghajnuna minn tali abbuz; li dan hu kaz pjetuz ta` persuna afflitt minn tali problema u seraq propju sabiex jissodisfa dik l-istess kilba. Saret referenza wkoll ghall-ammissjoni, li hi wahda bikrija u in effetti l-imputat ammetta l-involviment tieghu minnufih fl-istqarrija minnu rilaxxjata lill-pulizija, u l-piz li dan il-fatt igib mieghu meta l-Qorti tigi biex tikkalibra l-piena jew sanzjoni;

Illi ghal dak li jirrigwarda d-disa (9) imputazzjoni (ghalkemm strettament, din ma hijiex imputazzjoni!), l-Qorti qed tqis lill-hati biss fit-termini tal-Artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ghall-dawn il-mottivi**, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 261, 270, 281(a), 289, 251B, 325(1)(d), 339(1)(d)(e), 338(w)(ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif wkoll l-Artikoli 7 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lil Khalid Ali Omar hati ta’ l-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba’ (4) u tal-hames (5), tas-sitta (6), tas-seba (7), tat-tmien (8), tad-disa (9) u ta` l-ghaxar (10) imputazzjonijiet, u filwaqt li qed titratta mieghu skond l-Artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah komplessivament ghall-piena ta’ prigunerija ta’ sena (1); tasjeni milli tiehu konjizzjoni tat-

tieni (2) imputazzjoni stante li din inghatat bhala wahda alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni.

Il-Qorti tordna li, *ai termini* ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-atti kollha ta’dan il-procediment u kopja ta’ din is-Sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi. Finalment il-Qorti tordna li kopja ta` din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur, *Probation* u *Parole*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------